MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## ABIGAIL LOFARO

Seduta tat-13 ta' Lulju, 2010

Citazzjoni Numru. 776/2009

Kevin Mahoney
(I.D. 67964 (M))

\- vs -

Abbantina Malta Limited
(C-43262)

Il-Qorti:

Rat ir-rikors guramentat ippresentat mill-attur fis-6 ta' Awissu, 2009, li *in forza* tieghu, wara li ppremetta :

1. Illi s-soċjeta' konvenuta hija debitriċi tar-rikorrent fl-ammont ta' tmintax-il elf, erba' mija u wieħed u ħamsin ewro u ħamsa u sittin ċenteżmu (€18,451.65) u dan kif jirriżulta mill-*statement of account* hawn anness u markat **Dok. KM 1** kwantu għal ħmistax-il elf, sitt mija u sebgħa u tletin ewro (€15637) rappreżentanti ħlas għas-servizzi ta' kontabilita' u konsulenzi dwar taxxa prestati bejn Jannar

tas-sena 2008 sa Ġunju tas-sena 2009 lis-soċjeta' intimata mir-rikorrent u elfejn, tmien mija u erbatax-il ewro u ħamsa u sittin ċenteżmu (€2814.65) rappreżentanti t-taxxa fuq il-valur miżjud.

2. Illi minkejja illi s-soċjeta' intimata ġiet interpellata diversi drabi sabiex tħallas dan l-ammont din baqgħet inadempjenti u sal-lum dan l-ammont għadu dovut.

Talab in vista tas-suespost, li s-socjeta' konvenuta tghid ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex :

1. Tikkundanna lis-soċjeta' intimata sabiex tħallas lir-rikorrent is-somma ta' tmintax-il elf, erba' mija u wieħed u ħamsin ewro u ħamsa u sittin ċenteżmu (€18,451.65) u dan kif jirriżulta mill-*statement of account* hawn anness u markat **Dok. KM 1** kwantu għal ħmistax-il elf, sitt mija u sebgħa u tletin ewro (€15637) rappreżentanti ħlas għas-servizzi ta' kontabilita' prestati bejn Jannar tas-sena 2008 sa Ġunju tas-sena 2009 lis-soċjeta' intimata mir-rikorrent u elfejn, tmien mija u erbatax-il ewro u ħamsa u sittin ċenteżmu (€2814.65) rappreżentanti t-taxxa fuq il-valur miżjud bl-imgħaxijiet kalkolabbli a tenur tad-disposizzjonijiet ta' l-Artikli 26A sa 26E tal-Kodiċi Kummerċjali (Kapitlu 13 tal-Liġijiet ta' Malta, Edizzjoni Riveduta) sal-ħlas effettiv.

Bl-ispejjeż, kompriżi l-ispejjeż tal-mandat ta' sekwestru kawtelatorju bin-numru 1201/09, kontra s-socjeta' konvenuta illi minn issa stess hija u r-rappreżentanti tagħha qegħdin jiġu inġunti għas-subizzjoni.

Rat il-lista tax-xhieda tal-attur;

Rat ir-risposta guramentata tas-socjeta' konvenuta, li *in forza* taghha hija eccepiet :

1. Illi preliminarjament, ir-rikors guramentat huwa null stante illi ma hemm l-ebda talba ghad-dikjarazzjoni illi r-rikorrent huwa kreditur tas-socjeta' intimata;

2. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, it-talba tar-rikorrent ghandha tigi michuda fil-fatt u fid-dritt stante illi r-rikorrent ma pprovdiex is-servizzi ta’ kontabilita’ in kwantu sa llum is-socjeta’ intimata ghada ma gietx fornita bl-‘accounts’ ta’ l-istess socjeta’, u kwindi l-ebda hlas m’hu dovut;

3. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-ammont mitlub huwa ezagerat u jmur ferm oltre l-istima pprovduta mir-rikorrent lis-socjeta’ intimata;

4. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, in-numru ta’ transazzjonijiet u ta’ sieghat li skont ir-rikorrent gew ipprovduti bhala servizz lis-socjeta’ intimata huwa ezagerat u r-rikorrent irid jipprova li n-numru ta’ transazzjonijiet u ta’ sieghat ta’ servizz minnu allegati gew fil-fatt ipprovduti;

5. Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat il-lista tax-xhieda tas-socjeta’ konvenuta;

Rat in-noti ta’ sottomissjonijiet tal-partijiet dwar l-ewwel eccezzjoni;

Rat illi l-kawza thalliet ghallum ghal sentenza preliminari dwar l-ewwel eccezzjoni;

Ikkunsidrat :

Illi l-ewwel eccezzjoni tas-socjeta’ konvenuta hija fis-sens illi ir-rikors guramentat tal-attur huwa null peress illi ma hemm l-ebda talba ghal dikjarazzjoni illi l-attur huwa kreditur tas-socjeta’ konvenuta.

Illi l-Qorti ezaminat ir-rikors guramentat tal-attur u rat illi fil-premessi jirrizulta car daqs il-kristal illi l-attur qieghed jikkontendi illi s-socjeta’ konvenuta hija debitrici tieghu fl-ammont ta’ tmintax-il elf erba’ mija u wieħed u ħamsin ewro u ħamsa u sittin ċenteżmu (€18,451.65). Mill-premessi jirrizulta ukoll illi minkejja li s-socjeta’ konvenuta

giet interpellata sabiex thallas dan l-ammont hija baqghet inadempjenti.

Sussegwentement it-talba fir-rikors guramentat hija illi l-Qorti ghandha tikkundanna lis-soċjeta' konvenuta sabiex tħallas lill-attur is-somma imsemmija, kif jirriżulta mill-statement of account illi gie anness mal-istess rikors guramentat.

Illi f'dan ir-rigward il-Qorti rat sentenza tal-Qorti tal-Appell Superjuri fil-kawza fl-ismijiet Avukat Dr Carmelo Agius vs Stella Azzopardi et noe tal-1 ta' Settembru 1967 fejn il-Qorti qalet illi :
"Ic-citazzjoni li fiha intalab l-izgumbrament tal-konvenut minn post minhabba nuqqas ta` titolu biss ma kienitx nulla peress illi ma kienitx tikkontjeni preliminarjament dikjarazzjoni tan-nullita` tat-titolu li l-konvenut kien qieghed jeccepixxi ghat-talba attrici."

Illi l-Qorti kompliet tghid illi :
"Jekk kuntratt ta` enfitewsi jigi dikjarat null, allura min jkun jokkupa post taht dak it-titolu ma jistax jakwivali dik l-enfitewsi nulla ghal-lokazzjoni kif definita taht il-ligi specjali tal-Kera biex b'hekk jakkampa dritt ghad-detenzjoni."

Illi fil-kawza fuq imsemmija il-konvenuta kienet eccepiet illi l-attur kien imissu ipprova jimpunja l-att li bih il-konvenuta kienet akkwistat il-fond qabel ma jitlob illi l-konvenuta tigi ikkundannata tizgombra l-imsemmi fond.

Illi l-Qorti tal-Appell f'dik il-kawza qalet illi fil-konfront tal-attur id-dikjarazzjoni precedenti tan-nullita u ir-rexxissjoni tal-kuntratt maghmul mill-uzufruttwarju u / jew tal-kuntratt maghmul favur l-appellanti ma kienitx necessarja ghar-regolarita tal-kawza prezenti u illi kien bizzejjed f'dik il-kawza li l-attur jallega bhala bazi tal-azzjoni tieghu illi l-appellanti ma kellhiex titolu validu sabiex tokkupa l-fond.

Illi l-Qorti rat ukoll f'dan ir-rigward sentenzi tal-Qorti tal-Appell Superjuri fil-kawza fl-ismijiet Francis Xavier sive Mose Aquilina vs Carmela sive Lina Aquilina tal-21 ta' Marzu, 1988 fejn intqal li :

“Biex tigi ddikjarata nulla citazzjoni u jitwaqqaf il-kors taghha jinhtieg li jkunu jikkonkorru ragunijiet gravi, fosthom nuqqasijiet ta' evidenti pregudizzju ghad-difiza tal-konvenut. Il-Qorti tul is-snin applikat dan il-principju b'mod li fejn kien jonqos il-pregudizzju ghad-difiza tal-konvenut jew in-nuqqas fic-citazzjoni kienet taghmel tajjeb xi haga ohra ghalih, ma annullatx ic-citazzjoni.”

Ikkunsidrat :

Illi il-fatt illi l-attur ma talabx dikjarazzjoni illi huwa kreditur tas-socjeta’ konvenuta bl-ebda mod ma jista iwassal ghan-nullita tar-rikors guramentat odjern u dana peress illi it-talba tal-attur hija spjegata sew fir-rikors guramentat tieghu.

Ghaldaqstant u ghar-ragunijiet kollha fuq imsemmija il-Qorti qeghda tirrispingi l-ewwel eccezzjoni tas-socjeta’ konvenuta; Bl-ispejjez kontra l-istess socjeta’ konvenuta.

**< Sentenza In Parte >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------